Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru: 1/15

**Tony Mercieca (appellat)**

**vs**

**Joseph Pitre` Limited (soċjeta appellanti)**

20 ta' Jannar, 2017.

B'avviż ippreżentat fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, ir-rikorrent talab rifużjoni ta' €5,076 ridotta għal €3,494.06 prezz ta' madum difettuż li xtara mingħand l-intimata u l-ispejjeż biex tpoġġa l-madum.

Is-soċjeta` intimata eċċepiet:

1. l-inkompetenza tat-Tribunal *rationae valoris.*

2. preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

3. mhux minnu li l-prodott mhux tal-kwalita` pattwita jew kwalita` inferjuri

B'sentenza tat-28 ta' Jannar 2015 it-Tribunal laqa' t-talba.

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu li f'Ġunju 2010 ir-rikorrent xtara madum tat-tip *gres* mingħand l-appellant, f'iktar minn okkażjoni waħda. Meta l-madum twaħħal diversi xhur wara r-rikorrent ilmenta li ma kienx tal-kwalita` pattwita. Ir-rikorrent isostni li l-madum fih il-brim.

Is-soċjeta` sokkombenti appellat, bl-aggravju li:

1. it-Tribunal ma kellux jiskarta r-rapport tal-perit tekniku u barra minn hekk attribwielu konklużjonijiet li qatt m'għamel. Per eżempju qatt ma qal li l-madum kien difettuż.
2. l-allegat difett kien jirriżulta anke jekk jitqiegħdu żewġ madumiet ħdejn xulxin. Inoltre kien biss wara li l-madum tqiegħed kollu li r-rikorrent mar jarah. Ir-rikorrent ħalla l-madum jitpoġġa kollu mingħajr ma ħa ħsieb li jispezzjona d-dehra viżwali tal-madum sabiex jara jekk kienx jissodisfa l-grad estetiku.
3. l-azzjoni redibitorja ma tistax tiġi eżerċitata jekk jinżamm l-oġġett. Barra minn hekk il-madum ma jistax jingħata lura għax ġie mwaħħal.
4. l-appellanti eċċepiet il-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili. Eċċezzjoni li ġiet irtirata fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2016.
5. ir-rikorrent naqas li jimminimizza d-danni in kwantu xtara iktar mill-

istess madum f'żewġ okkazzjonijiet oħra u b'hekk żied volontarjament l-ispejjeż, u li issa qiegħed jippretendi f'dawn il-proċeduri.
6. ir-rikorrent għamel arrikkiment indebitu għax qed igawdi l-madum b'xejn.

L-appellat wieġeb li:

1. L-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili mhux dwar preskrizzjoni.
2. L-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili mhux applikabbli billi tapplika l-liġi speċjali tal-Kap 378. L-ewwel kunsinna nxtrat fis-26 ta' Marzu 2012; il-kawża nfetħet fis-26 ta' Marzu 2012; inqas minn sentejn wara l-kunsinna.
3. Mhux minnu li t-Tribunal skarta b'mod leġġer dak li sab il-perit tekniku, li m'għamilx il-konstatazzjonijiet tekniċi rilevanti.
4. Il-madum ġie mqiegħed tajjeb skond kif ikkonstatat mill-perit tar-rikorrent, it-tile layer innifsu u anke l-perit tekniku

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Il-qorti tibda biex tosserva li dik il-parti tat-tweġiba tal-appell li tirreferi ghall-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili hi rrilevanti għaliex l-appellanti ma pproponitx aggravju bażat fuq dik id-disposizzjoni. Min-naħa l-oħra, l-aggravji li d-difett kien faċilment konstatabbli, li l-azzjoni redibitorja ma tistax tiġi eżerċitata għax inżamm il-madum, li r-rikorrent ma mminimizzax id-danni ma ssemmewx quddiem it-Tribunal u għalhekk m'għandhomx jitqanqlu f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ, l-azzjoni li ppropona l-appellat hi dik moghtija lill-konsumatur taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Fir-rigward tal-meritu l-appellanti bbażat ir-raġunament tagħha fuq dak li rrelata l-perit tekniku, li fir-rapport qal:

*"Illi finalment, l-esponent jixtieq jispjega illi dak osservat fil-hin tal-ispezzjoni, u cioe', illi deher li kienu speci ta' hotob fit-tul tax-xfarijiet tiegħu b'mod illi meta jiġi spezzjonat fid-dawl ikun jidher mibrum, ossia għoli fl-irjus, u baxx f'nofs il-maduma, l-istess irriżulta fl-ispezzjoni ta' kaxxa sħiħa ta' madum spezzjonata fix-showroom tas-socjeta intimata.*

*Illi hija l-opinjoni tal-esponenti, li r-rikorrenti nnifsu kien li għamel l-għażla tal-madum, u kien messu għamel l-eżercizzju simili bħal m'għamel l-esponenti fis-showroom biex kien jinduna li l-madum, meta mqiegħed ħdejn xulxin jagħti l-impressjoni li mhux livellat."*

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"It-Tribunal, wara li kkunsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'riferenza ghar-rapport tal-espert tekniku Vincent E. Ciliberti, fejn gie kkonstatat illi: "l-madum supplit huwa ta' prima kwalita, u mhux kif dikjarat mir-rikorrenti, l-perit minnu nkarigat, u dak dikjarat mix-xhud, is-Sur Simon Cilia", liema konkluzjoni ngħatat mill-istess espert tekniku a bażi tas-sempliċi fatt illi rigwardanti d-difett allegat fil-madum in kwistjoni, "l-istess irriżulta fl-ispezzjoni ta' kaxxa sħiħa ta' madum spezzjonata fis-showroom tas-soċjeta intimata", qed jagħżel li jiddiskosta ruħu mill-konklużjonijiet peritali u dana ghas-segwenti raġuni:- Il-fatt li l-kampjun eżaminat mill-espert tekniku kien ukoll mibrum, ma jfissirx illi b'daqshekk tali nuqqas kien qed jiġi sanat. Jekk il-kampjun kien difettuż, in kwantu mibrum, ma jsegwix illi allura ma jeżisti l-ebda difett għaliex il-madum effettivament imwaħħal kien mibrum bl-istess mod. Fl-aħħar mill-*

*aħħar, dak li jiswa huwa l-prodott aħħari li jirċievi l-konsumatur, u tali prodott kjarament ma kienx ta' kwalita tajba. Illi għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta ntimata tħallas l-ammont ta' tliet elef erbgħa mija erbgħa u disgħin u sitt ċenteżmi (€3,494.06) lir-rikorrent, bl-ispejjeż tal-kawża kontra s-socjeta intimata."*

Brim fil-madum hu nuqqas fil-prodott. M'hemmx prova li tagħti lill-qorti x'tifhem mod ieħor.

Il-konsumatur mar jixtri madum mingħand is-soċjeta appellanti. Għażel madum li għoġbu u xtrah. Ħadd mill-uffiċjali tas-soċjeta appellanti ma nfurmah li dak il-madum li għażel kellu l-partikolaritajiet li semma l-perit tekniku. In-negozjant kellu d-dmir igharraf lill-konsumatur bihom. Hu preżunt li bħala bejjiegħ kien jaf bihom. Il-konsumatur m'għandux jiġi mistenni li jagħmel l-ispezzjoni li semma l-perit tekniku qabel jagħmel l-ordni u jħallas id-depożitu.

Skont il-perit tekniku:

*"Illi jrid jingħad illi f'dawn il-karatteristiċi hemm indikazzjoni ċara tat-tolleranzi li kull tip ta' maduma jista' jkollha fid-diversi karateristiċi tal-maduma, fosthom is-surface flatness.*

*Illi huwa ben magħruf, illi kull tip ta' madum jkollha persentaġġ minimu ta' tolleranza fil-karatteristiċi tagħha".*

Pero' f'dan il-każ ma jirriżultax li sar eżercizzju biex jiġi determinat jekk il-madum konsenjat lill-appellant kienx jaqa' fit-tolleranza aċċettabbli. Inoltre, għalkemm fir-rapport il-perit tekniku qal li l-madum *"huwa ta' prima kwalita"*, ma spjegax kif dan jista' jkun il-każ meta hu stess qal li meta spezzjona l-madum ra, *".... speċi ta' ħotob fit-tul tax-xfarijiet tiegħu b'mod illi meta jiġi spezzjonat fid-dawl ikun jidher mibrum, ossia gholi fl-irjus, u baxx f'nofs il-maduma, l-istess irriżulta fl-ispezzjoni ta' kaxxa sħiħa ta' madum spezzjonata fix-showroom tas-soċjeta intimata".* Ghalkemm fuq il-kaxxi tal-madum kien hemm il-marka Grade AAA, il-brim fil-madum ma jatix lill-qorti x'tifhem li l-madum konsenjat kien ta' prima kwalita.

Li l-qorti ma taqbilx mat-Tribunal hu fil-fatt li kkundanna lis-socjeta appellanti tħallas lill-appellat is-somma kollha li talab[1]. Dan meta jirriżulta li l-appellat żamm il-madum li xtara mingħand l-appellant. Tant hu hekk li llimita t-talba tal-ħlas ghalkemm fl-avviż tat-talba ddikjara li s-somma realment dovuta lilu hi €5,076. Il-prezz tal-madum li nxtara mingħand l-appellanti kien ta' €3,125 (skont ricevuta 18 ta' Ġunju 2010 u kont datat 23 ta' Ottubru 2011). Il-qorti hi tal-fehma li m'għandux ikun li l-konsumatur jitqiegħed f'posizzjoni aħjar milli kien. Bis-sentenza tat-Tribunal ikun ifisser li l-konsumatur ser jibqa' juża l-madum li xtara mingħand l-appellanti u fl-istess ħin jirċievi lura l-prezz kollu tal-madum. Din mhijiex loġika. Pjuttost ir-rimedju għandu jkun rifużjoni ta' parti mill-prezz li ħallas għax-xiri tal-madum. Ċifra li din il-qorti ser tiffissa fuq bażi ta' arbitrio *boni viri*.

---

[1] Fl-avviż tat-talba l-attur talab is-somma ta' €5,076 pero ffirma d-dikjarazzjoni li tgħid *"Jiena niddikjara li kull ammont mit-talba tiegħi 'l fuq minn €3,494.06 qiegħed jitwarrab".*

**Għal dawn il-motivi l-qorti qegħda tilqa' parzjalment l-appell fis-sens li tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tat-28 ta' Jannar, 2015 billi tikkundanna lis-socjeta appellanti tħallas lill-appellat is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400), bl-imghax mil-lum. Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu 75% a karigu tal-appellanti u 25% a karigu tal-appellat, b'dan li l-ispejjeż tal-perizja huma kollha a karigu tal-appellanti**.

Anthony Ellul.